# Il-Għargħur Il-Festa ta' San Bartilmew Appostlu

**Is-Sur Joe Chetcuti**
**Preżentatur tal-programm marċi u bandlori fuq Radju 101**



Il-Għargħur huwa raħal żgħir mibni fuq madwar għolja u li jifrex 'l hinn sal-baħar. Huwa mdawwar b'għelieqi kif ukoll medda ta' art jiżboq fuq kollox Wied id-Dis. Għalkemm il-Għargħur ftit li xejn jissemma fih insibu storja li tmur lura mijjiet ta' snin. F'ħafna każi l-istorja tal-Għargħur hija marbuta mal-istorja ta' Malta.

Kien fi żmien il-Gran Mastru Nikola Cottoner li fil-Għargħur inbnew l-ewwel imtieħen tar-riħ. Il-pożizzjoni għolja tar-raħal għamlu l-użu ta' dawn l-imtieħen aktar vantaġġjużi. Dak li beda dan il-Gran Mastru komplewh l-Ingliżi. Hija ħaġa ċerta wkoll li fl-1799 il-Forzi Franċiżi ta' Napuljun żbarkaw f'Baħar iċ-Ċagħaq. Minn naħa l-oħra meta l-Ingliżi okkupaw Malta, dawn ħasbu sabiex isaħħu l-aktar id-difiża ta' dawn l-inħawi. Il-Forti tal-Madliena bdiet tinbena fl-1878. Il-Forti hija għolja aktar minn 130 metru 'l fuq mill-livell tal-baħar u kienet maħsuba sabiex tikkontrolla aħjar id-difiża tan-naħa tal-Lvant ta' Malta - Baħar iċ-Ċagħaq, San Pawl il-Baħar u il-Mellieħa. Il-Forti tal-Madliena b'foss fond ħafna mad-dawra tagħha qdiet il-missjoni kbira u importanti fis-snin tal-aħħar Gwerra Dinjija u fuqha twaħħal l-aqwa Radar li Malta qatt kellha. Dan ir-Radar kien jimmarka mill-ewwel il-movimenti tal-ajruplani tal-għadu.



L-importanza tal-Għargħur fid-difiża ta' dawn il-Gżejjer minn dejjem kienet f'moħħ minn ħakimha. Hekk insibu Torri fl-inħawi tal-Madliena mibni mill-Gran Mastru De Redin fis-Sena 1658. Irħama mwaħħla mal-ħitan ta' dan it-torri tfakkarna dan u fl-iskop li għalih kien ġie mibni.

Il-Għargħur għandu Knisja Parrokkjali li d-disinn u l-pjanti tagħha ħarġu minn idejn il-Perit Malti Tumas Dingli. Bdiet tinbena flok Kappella li kien hemm fl-istess post fl-1612 fi żmien il-Kappillan Dun Ġwann Battista. B'kumbinazzjoni jew tradizzjoni fil-Għargħur teżisti qima kbira lejn il-Qaddis Prekursur San Ġwann Battista u fit-tarf tar-Raħal insibu Kappella żgħira li hija ddedikata lil dan il-Qaddis biċ-Ċimiterju madwarha.

Il-Għargħur ra ħafna tibdil, imma xorta waħda baqa' jżomm l-identità tiegħu ta' raħal tipikament Malti. L-Għargħurin huma kburin bil-progress li sar u twettaq minn żmien għal żmien, bħalma huma kburin bl-istatwa artistika minquxa fl-injam ta' San Bartilmew Appostlu, il-Patrun tar-Raħal.

Il-Knisja ewlenija tal-Għargħur żmien ilu kienet dik ta' San Ġwann l-Għammiedi. Wara għażlu sabiex tkun parroċċa l-knisja ċkejkna filjali ta' San Bartilmew, li kienet fil-qalba ta' dan ir-raħal. Din kienet suġġetta lejn il-Matriċi tan-Naxxar, iżda minħabba il-bogħod minn din il-Knisja, l-Isqof Gargallo fis-6 ta' Ottubru tal-1598 ħalla l-matriċi tagħha u waqqafha f'Parroċċa għaliha. Iżda l-Kappillan tan-Naxxar Dun Ġiljan Borg li kien dejjem kontra din il-firda oġġezzjona. Għalhekk din il-firda ma saritx qabel il-mewt ta' dan il-Kappillan jiġifieri nhar is-16 ta' Lulju tal-1610. Hawn ta' min isemmi kif fiż-żmien Ħal-Għargħur kien imgħammar wisq bin-nies minħabba l-inżul sikwit tat-Torok li ta' spiss kienu jidħlu ġo dan ir-raħal, il-popolazzjoni tiegħu tferrxet l-aktar fl-Irħula tan-Naxxar u Birkirkara u hekk ċkien li ġie l-iżgħar raħal f'Malta. Mal-medda taż-żmien il-Knisja ta' San Bartilmew qdiemet u għan-nies li kien hemm kienet żgħira u għalhekk ħasbu sabiex jibnu oħra akbar. Il-Knisja ta' dan il-qaddis li hemm illum jingħad li din inbniet fl-1612 u kienet lesta fl-1638 fuq l-istess lok fejn kienet l-oħra u saret bil-ġbir. Id-disinn tagħha għamlu Tumas Dingli u bdiet tinbena fi żmien l-ewwel Kappillan Dun Ġwann Battista Chetcuti. Iżda l-bini minn barra flimkien ma' xi partijiet oħra minn ġewwa ġew irranġati madwar l-1740. Din il-Knisja swiet ta' mudell għall-Knisja ta' Ħaż-Żebbuġ. Fuq is-saqaf tal-Knisja fuq ħajt li jgħaqqad iż-żewġ kampnari jidhru simboli skolpiti fil-ġebla li kienu tal-Knisja l-qadima ta' San Bartilmew; drawwa ta' missirijietna li kienu jonqxu fil-ħitan minn ġewwa tal-Knejjes il-qodma tagħhom is-simboli Kristjani. Din il-Knisja hija mgħammra minn Kor, żewġ kappelluni, korsija u żewġ sagristiji. Għandha koppla, żewġ kampnari u għaxar artali. Il-qanpiena l-maġġura saret fl-1778 f'Malta minn Ġwakkin Triganza u swiet 400 mitt skud. L-arkitettura minn ġewwa hija tal-ordni Doriku u minn barra hija magħmula b'ordni mħallat. Hija ġiet ikkonsagrata solennament mill-Isqof Alferan nhar it-22 ta' Mejju tal-1736. F'din il-Knisja hemm merfugħa fost relikwi oħra, l-iġsma mqaddsa tal-qaddisin Doru u Teofilu. Il-ġisem ta' San Teofilu nġieb minn Ruma bit-tħabrik tas-Saċerdot Pietro Bonello li wara laħaq Arċipriet ta' Ħaż-Żebbuġ. Dan inġieb solennament fejn hu nhar Ħadd il-Pentecoste tal-1865 mill-Knisja ta' San Marija ta' Bennarda.

F'din il-Knisja nsibu bosta oġġetti artistiċi u ta' min isemmihom. L-istatwa titulari ta' San Bartilmew hija opra mill-isbaħ attribwita minn Melchiore Gafa filwaqt li Karlu Darmanin skolpixxa l-istatwa ta' San Ġużepp.

Barra minn hekk fil-Għargħur insibu diversi għaqdiet, soċjali u kulturali kif ukoll reliġjużi. Dawn kollha jaħdmu matul is-sena kollha u jtellgħu wirjiet u spettakli li jagħmlu ġieħ lil dan ir-Raħal. Insemmu il-pageant tal-Ġimgħa l-Kbira li ta' kull sena jattira lejh numru ta' nies minn kull rokna ta' Malta. L-ispettaklu tan-nar lejliet u nhar il-festa.



Fl-aħħar nett fil-Għargħur sehem attiv ħafna f'din il-festa tal-Patrun ittiħ is-Soċjetà Filarmonika San Bartilmew tal-Għargħur. Ftit tas-snin ilu din is-Soċjetà ċċelebrat l-20 Sena mit-twaqqif tal-Banda (1985 - 2005).

Għalkemm żgħir fid-daqs, il-Għargħur huwa post mill-isbaħ li baqa' jżomm il-karateristiċi kollha ta' raħal Malti.